Nru./No. 20,414
Prezz/Price
€0.36

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju, 2020
Friday, 29th May, 2020

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU — SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ........ 4433
*Government Notices ........ 4433*

Avviżi tal-Qorti ........ 4434 - 4436
*Court Notices ........ 4434 - 4436*

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 556**

**IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ħamis, it-28 ta' Mejju, 2020, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 539 tas-27 ta' Mejju, 2020, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-28 ta' Mejju, 2020
(OPM/40/2017)

**No. 557**

**SOSPENSJONI MID-DISPOŻIZZJONIJIET DWAR KWARANTINA MANDATORJA**

**Ordni dwar il-Perjodu ta' Kwarantina, 2020**

IS-SUPRETENDENT tas-Saħħa Pubblika tgħarraf li skont l-Artikolu 2 (1) tal-Ordni dwar il-Perjodu ta' Kwarantina, 2020, id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi ordni qegħdin jiġu sospiżi b'effett mit-28 ta' Mejju, 2020, għal dawk il-persuni li kienu fuq it-titjira bin-numru 9H-ELI CITATION X jivvjaġġaw minn Malta lejn il-Libja fit-28 ta' Mejju, 2020, u li ġew lura fuq it-titjira bin-numru 9H-ELI CITATION X jivvjaġġaw mil-Libja lejn Malta fit-28 ta' Mejju, 2020, għall-kwarantina relatata ma' din it-titjira.

Din is-sospensjoni qiegħda tingħata fuq il-bażi li l-persuni li kienu fuq dawn it-titjiriet jipprovdu servizz essenzjali, il-perjodu limitat ħafna ta' ħin li damu barra l-pajjiż, raġunijiet ta' emerġenza ta' sigurtà nazzjonali relatati mal-vjaġġ u l-urġenza tal-vjaġġ barra l-pajjiż.

Id-29 ta' Mejju, 2020

**Nru. 558**

**TRANSPORT MALTA**

**Ordni tal-2020 dwar Projbizzjoni ta' Trasferiment**

SKONT l-Artikolu 2 (1) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465), Ordni tal-2020 dwar Projbizzjoni ta' Trasferiment (A.L. 42 tal-2020), is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'din tordna illi l-projbizzjoni ta' trasferiment ta' persuni lejn il-pajjiżi msemmija fil-lista li ġejja qed tiġi sospiża minħabba li l-ivvjaġġar ta' ċerti persuni huwa essenzjali:

| | | |
|---|---|---|
| 28th May, 2020 | 9H-ELI | LMML-HLLM-LMML |
| 2nd June, 2020 | KM7284/5 | MLA-TIA-WAW-MLA |

Id-29 ta' Mejju, 2020

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 556**

**RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER**

IT is notified for general information that the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, resumed duties as Prime Minister on Thursday, 28th May, 2020, and that the arrangements made by Government Notice No. 539 of the 27th May, 2020, ceased to have effect accordingly.

28th May, 2020

**No. 557**

**SUSPENSION FROM THE PROVISIONS RELATING TO MANDATORY QUARANTINE**

**Period of Quarantine Order, 2020**

THE Superintendent of Public Health notifies that in accordance with Article 2 (1) of the Period of Quarantine Order, 2020, the provisions of the said order are hereby being suspended with effect from the 28th May, 2020, relative to the persons on Flight No. 9H-ELI CITATION X travelling from Malta to Libya on the 28th May, 2020, and returning on Flight No. 9H-ELI CITATION X travelling from Libya to Malta on the 28th May, 2020, for quarantine period related to this flight.

This suspension is granted on the basis that the persons travelling on these flights provide an essential service, the very limited period of time that was spent abroad, national security emergency relating to the travel and urgency of the trip abroad.

29th May, 2020

**No. 558**

**TRANSPORT MALTA**

**Travel Ban Order, 2020**

IN terms of Article 2 (1) of the Public Health Act (Cap. 465), Travel Ban Order, 2020 (L.N. 42 of 2020), the Superintendent of Public Health hereby orders that a travel ban on persons to the countries mentioned in the following list is being suspended as the travel of certain persons is deemed to be essential:

| | | |
|---|---|---|
| 28th May, 2020 | 9H-ELI | LMML-HLLM-LMML |
| 2nd June, 2020 | KM7284/5 | MLA-TIA-WAW-MLA |

29th May, 2020

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

619

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Jannar, 2020, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Farrugia Regina vs Baron Group Limited et, Rikors Numru 85/2006/1, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-appellati Janet Schembri u Joseph Gregory u Renata Gregory, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' avviż ta' smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri fit-3 ta' Settembru, 2019, u billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Appell, bejn Regina Farrugia vs Baron Group Limited u Joseph u Janet konjuġi Schembri u b'digriet tal-11 ta' Marzu, 2016, stante l-mewt ta' Joseph Schembri fil-mori tal-kawża, il-ġudizzjiu f'ismu ġie trasfuż għal fuq isem l-istess Janet Schembri, Laura Schembri u Hannah Schembri, u b' digriet tal-5 ta' Marzu, 2019, l-atti inkwantu dawn jolqtu lill-konvenuti Janet Schembri, Hannah Debono u Laura Kate sive Laura Calleja Schembri qed jiġu assunti minn Joseph Gregory u martu Renata Gregory, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għal nhar it-Tnejn, wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru, 2019, fl-10.00 a.m. u differita għall-20 ta' April, 2020, fid-9.00 a.m. u differita għat-8 ta' Ġunju, 2020, fid-9.00 a.m.

Notifika:

Janet Schembri, 46, Jalna, Triq it-Tartaruni, San Pawl il-Baħar
Joseph Gregory, 66, Bald Eagle, Triq K. Galea, Birkirkara
Renata Gregory, 66, Bald Eagle, Triq K. Galea, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 28 ta' Mejju, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Court of Appeal on the 20th January, 2020, in the records of the Application in the names Farrugia Regina vs Baron Group Limited et, Application Number 85/2006/1, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents Janet Schembri and Joseph Gregory and Renata Gregory, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a notice of hearing of a cause issued by the Registry of the Superior Courts on the 3rd September, 2019, and whereas the procedures in writing in the cause before the Court of Appeal between Regina Farrugia vs Baron Group Limited and Joseph and Janet spouses Schembri and by decree of the 11th March, 2016, following the death of Joseph Schembri during the proceedings, the records in his name were transferred onto the names of the same Janet Schembri, Laura Schembri and Hannah Schembri, and by decree of the 5th March, 2019, the records in so far as they referred to the defendants Janet Schembri, Hannah Debono and Laura Kate sive Laura Calleja Schembri are being assumed by Joseph Gregory and his wife Renata Gregory, the Court fixed the hearing of the cause on Monday, twenty-first (21) of October, 2019, at 10.00 a.m. and put off to the 20th April, 2020, at 9.00 a.m. and put off to the 8th June, 2020, at 9.00 a.m.

Notify:

Janet Schembri, 46, Jalna, Triq it-Tartaruni, San Pawl il-Baħar
Joseph Gregory, 66, Bald Eagle, Triq K. Galea, Birkirkara
Renata Gregory, 66, Bald Eagle, Triq K. Galea, Birkirkara

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 28th May, 2020

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

620

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'digriet tal-24 ta' Mejju, 2020, u dan wara rikors b'numru 165/2020, ordnat:

Il-korrezzjoni fl-Att tal-Mewt ta' Rosina Sammut, li jġib in-numru 19 tas-sena 1964, billi fil-kolonna intestata: "Isem u kunjom il-ġenituri, jekk ħajjin jew mejtin" il-kunjom

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 24th May, 2020, and this after a written plea numbered 165/2020, ordered:

The correction of the Act of Death of Rosina Sammut, bearing number 19 of the year 1964, so that in the column with the heading: "Name and surname of the parents,

ta' Alessandra Muscat jiġi mibdul minn: "Muscat" għal "Sciberras".

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis, 28 ta' Mejju, 2020

MARUSKA BALDACCHINO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

whether alive or dead" the surname of Alessandra Muscat is to be amended from: "Muscat" to "Sciberras".

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday, 28th May, 2020

MARUSKA BALDACCHINO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

621

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'digriet tal-24 ta' Mejju, 2020, u dan wara rikors b'numru 311/2020, ordnat:

Il-korrezzjoni fl-Att tal-Mewt ta' Bartolomea Grech, li jġib in-numru 302 tas-sena 2020, billi fil-kolonna fejn hemm kunjom in-nannu u ergo l-kunjom tal-omm tal-persuna mejta jitħassar il-kunjom żbaljat "Aquilina" u minfloku jidħol il-kunjom korrett "Mula".

Kif ukoll tordna l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid numru 536 tas-sena 1924 billi fil-kunjom tan-nannu jiġi mħassar il-kunjom żbaljat "Aquilina" u minfloku jidħol il-kunjom korrett "Mula".

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis, 28 ta' Mejju, 2020

MARUSKA BALDACCHINO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 24th May, 2020, and this after a written plea numbered 311/2020, ordered:

The correction of the Act of Death of Bartolomea Grech, bearing number 302 of the year 2020, so that in the column referring to the surname of the grandfather and consequently the surname of the mother of the deceased person, the incorrect surname "Aquilina" is to be deleted and substituted by the correct surname "Mula".

Furthermore, the correction of the Act of Birth bearing number 536 of the year 1924 so that the incorrect surname "Aquilina" of the grandfather is to be deleted and substituted by the correct surname "Mula".

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday, 28th May, 2020

MARUSKA BALDACCHINO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

622

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Jannar, 2020, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4160/19, fl-ismijiet APS Bank plc vs Daniel Aloisio, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lill-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 24 ta' Ottubru, 2019
Lil Daniel Aloisio (KI 353976M) ta' 97, Chamonix, Flat 2, Triq it-Torri, Birkirkara BKR 4018

Permezz tal-preżenti APS Bank plc (C 2192) ta' APS Centre, Triq it-Torri, Birkirkara BKR 4012, jinterpellak

By means of a decree of the 23rd January, 2020, in the records of the judicial letter number 4160/19 in the names APS Bank plc vs Daniel Aloisio, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) et sequitur of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 24th October, 2019
To Daniel Aloisio (ID 353976M) of 97, Chamonix, Flat 2, Triq it-Torri, Birkirkara BKR 4018

By means of this present APS Bank plc (C 2192) of APS Centre, Triq it-Torri, Birkirkara BKR 4012, solicits you so

sabiex fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tħallas lill-mittenti s-somma ta' €140,284.97 dovuta kwantu għas-somma ta' €133,114.08 bħala bilanċ ta' debitu ta' Loan Account numru 2000174225-5 u kwantu għas-somma ta' €7,170.89 bħala bilanċ ta' debitu ta' Interest Disposal Account numru 3691971003-5.

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri skont il-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-interessi ulterjuri bir-rata ta' 8% fis-sena b'effett mill-5 ta' Ottubru, 2019, sad-data tal-ħlas effettiv dovuti fuq imsemmi Loan Account numru 2000174225-5.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Din l-ittra uffiċjali qed tiġi ppreżentata ai termini tal-Kap. 12 u Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Mejju, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

that within fifteen days from the notification of this judicial letter you pay the amount of €140,284.97 due as for the sum of €133,114,08 as balance of debt from the Loan Account number 2000174225-5 and as for the sum of €7,170.89 as balance of debt from the Interest Disposal Account number 3691971003-5.

In default further procedures will be taken against you according to law.

With costs and further interest at the rate of 8% per annum with effect from the 5th October, 2019, till the date of effective payment due on the said Loan Account number 200174225-5.

So much to regulate yourself.

This judicial letter is being filed in terms of Chapter 12 and Chapter 16 of the Laws of Malta.

Registry of the Superior Courts, today 29th May, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

623

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Frar, 2020, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3740/2019, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Real Time Real Estate Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija Real Time Real Estate Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili lil Real Time Real Estate Limited (C 18609) ta' 35, Triq Sant'Antnin, Tas-Sliema, fis-26 ta' Settembru, 2019, Bank of Valletta p.l.c. ta' 1/5 Misraħ San Ġorġ, Il-Belt Valletta VLT 1190, tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallasha s-somma ta' €66,143.63 bilanċ għad-debitu fl-Overdraft Account tiegħek mal-Bank of Valletta p.l.c., flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mit-13 ta' Settembru, 2019, sal-jum tal-pagament effettiv.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos, hija ser tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Mejju, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 11th February, 2020, in the First Hall of the Civil Courts in the records of the judicial letter number 3740/2019 in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Real Time Real Estate Limited, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent company Real Time Real Estate Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against Real Time Real Estate Limited (C 18609) of 35, Triq Sant'Antnin, Tas-Sliema, on the 26th September, 2019, Bank of Valletta p.l.c. of 1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta VLT 1190, solicits you so that within two days you pay the sum of €66,143.63 balance of debt in your Overdraft Account with Bank of Valletta plc together with further interest from the 13th September, 2019, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Superior Courts, today 29th May, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*